# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION
## ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 12 ta' Marzu, 2024.**

**Numru 7**

**Rikors numru 290/16/1 LSO**

**TEC Limited (C-58354)**

**v.**

**Esron Mifsud**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill**-konvenut Esron Mifsud kif ukoll appell inċidentali mressaq mis-soċjetà attriċi TEC Limited** minn sentenza tal-Qorti Ċivili Prim'Awla mogħtija fit-30 ta' April, 2019 li permezz tagħha kkundannat lill-konvenut iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €18,300 *più* l-VAT in linea ta' danni kontrattwali.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tat-8 ta' April 2016 is-soċjetà attriċi fissret li l-konvenut kien ġie ingaġġat sabiex jagħmel xogħol għall-attività li kienet ser iseħħ fil-15 ta' Novembru 2014 ġewwa l-Malta Ship Building, Marsa. Ġara li minħabba imperizja, negliġenza u traskuraġni mill-konvenut, is-soċjetà attriċi sofriet ħsarat jammontaw għal €24,909.80. Kien għalhekk li intavolat proċeduri quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u talbet lill-Qorti:

> "1. Tiddikjara li l-intimat huwa responsabbli minhabba li wera imperizja, negligenza u traskuragni, u minhabba fih jew persuni ingaggati minnu, giet ikkawzata hsara konsiderevoli inter alia f'numru ta' gazebos, tapiti, u vetturi;
>
> 2. Tiddikjara l-hsarat jammontaw ghal €24,909.80 [erbgha u ghoxrin elf disa' mija u disa' ewro u tmenin centezmu], jew somma ohra verjuri li fil-kaz li din l-Onorabbli Qorti thoss opportun tinnomina perit ghal dan l-iskop;
>
> 3. Tikkundanna li l-intimati jew min minnhom ihallsu lirrikorrenti hsarat li jammontaw ghal €24,909.80 [erbgha u ghoxrin elf disa' mija u disa' ewro u tmenin centezmu] jew kull somma ohra deciza minn din l-Onorabbli Qorti.
>
> Bl-ispejjez inkluz l-ittra ufficjali 230/15 u l-mandat ta' sekwestru fl-istess ismijiet, kif ukoll l-imghax kontra l-intimat, li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni".

3. Il-konvenut ippreżenta risposta maħlufa fil-11 ta' Mejju 2016 fejn laqa' għat-talbiet attriċi bil-mod segwenti:

> "1. Illi preliminarjament, l-eccipjenti jirreleva li precedentement ghall-intavolar tal-kawza odjerna, hu intavola kawza fil-konfront tas-socjeta' attrici fl-ismijiet *Esron Mifsud vs TEC Ltd* (Rif Nru. 205/2016 LSO) fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara u tordna lis-socjeta' attrici thallsu l-ammont ta' dsatax-il elf u disa' ewro u tmenin centezmu (€19,009.80) ghal diversi xoghlijiet li kienu gew rezi minnu lilha, inkluz

dak ta' l-avveniment datat 15 ta' Novembru 2014 imsemmi fir-rikors guramentat tas-socjeta' attrici, u ghalhekk din il-kawza ghandha ai termini ta' l-artikolu 793 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili tinstema' flimkien mal-kawza fl-ismijiet *Esron Mifsud vs TEC Ltd* (Rif Nru 205/2016 LSO) stante li huma konnessi ma' xulxin;

2. Illi fit-tieni lok, l-eccipjenti jirrespingi bil-qawwa l-pretensjonijiet tas-socjeta' attrici fil-konfront tieghu bhala totalment infondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt stante li d-danni li gew allegatament sofferti mis-socjeta' attrici ma sehhewx tort ta' l-eccipjenti u dan kif se jigi ahjar ippruvat fil-kors ta' din il-kawza u ghalhekk ebda ammont m'huwa dovut lis-socjeta' attrici da parte ta' l-eccipjenti;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost is-socjeta' attrici trid tipprova d-danni reklamanti minna u dan specjalment in vista tal-fatt li s-socjeta' attrici ipprezentat ittra ufficjali quddiem din l-Onorabbli Qorti ai termini ta' l-artikolu 166A li jgib in-numru ta' referenza 230/2015, liema ittra giet opposta mill-eccipjenti, fejn kif jirrizulta minn din l-ittra s-socjeta' attrici minn jedda stess naqqset milli titlob l-ammont ta' erbgha u ghoxrin elf disa' mija u disgha ewro u tmenin centezmu (€24,909.80) stante li rreduciet it-talba taghha a bazi ta' l-istess fattura ghal tlieta u ghoxrin elf mitejn u tlieta u disghin ewro (€23,293);

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri ohra li jistghu jinghataw fil-prosegwiment tal-kaz;"

4. Waqt is-seduta tal-31 ta' Mejju 2016, l-Ewwel Qorti ordnat li l-kawża kellha titkompla tinstema' flimkien mal-kawża fl-ismijiet inversi (Rik Ġur 205/2016).

5. B'sentenza tat-30 ta' April 2019 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet billi:

"Illi ghalhekk, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet, stante li l-ewwel eccezzjoni giet akkolta waqt il-kawza, tilqa' t-talbiet ta' TEC Limited kif gej:

1. Tilqa' l-ewwel talba ta' TEC Limited u tiddikjara li l-intimat huwa responsabbli minhabba li wera imperizja, negligenza u traskuragni u minhabba fih jew persuni ingaggati minnu, giet ikkawzata hsara konsiderevoli kif dedotta fir-rikors guramentat.

> 2. Tillikwida d-danni kkagunati lis-socjeta' attrici fl-ammont ta' tmintax-il elf u tlett mitt ewro (€18,300) piu` l-VAT pagabbli fuq din is-somma.
>
> 3. Konsegwentement tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lil Esron Mifsud ihallas is-somma ta' tmintax-il elf u tliet mitt ewro (€18,300) piu` l-VAT pagabbli fuq din is-somma flimkien mal-imghaxijiet legali millum sad-data tal-pagament effettiv.
>
> L-ispejjez kollha - inkluzi dak tal-ittra ufficjali 230/15 u tal-mandat ta' sekwestru fl-istess ismijiet - jithallsu mill-intimat".

6. Fl-20 ta' Mejju 2019, il-konvenut ressaq appell filwaqt li s-soċjetà konvenuta intavolat risposta kif ukoll appell inċidentali fit-12 ta' Ġunju 2019. Esron Mifsud wieġeb għall-appell tas-soċjetà konvenuta fit-8 ta' Lulju 2019.

7. Fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2024 din il-Qorti semgħat it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet u ħalliet l-appell għal-lum għas-sentenza.

**Il-Fatti**

8. Fil-qosor il-fatti rilevanti huma s-segwenti.

9. Il-konvenut Esron Mifsud kien ilu mis-sena 2014 joffri s-servizzi tiegħu lis-soċjetà attriċi TEC Limited konsistenti f'armar u żarmar ta' tined, *gazebos* u *pop-ups*, tqegħid ta' twapet u servizzi oħra simili.

10. Il-konvenut kien ġie nkarigat minn Charles Magro, id-direttur tas-soċjetà TEC Limited, sabiex jassistih fit-tqegħid ta' tined għall-avveniment li kien ser iseħħ ġewwa s-*Ship Building* fil-15 ta' Novembru 2015 u ċjoè għall-*Junior Eurovision Song Contest*, kif ukoll xogħol ieħor għall-Birgufest, tqegħid ta' tinda ġewwa Pjazza San Ġorġ, il-Belt u xogħol ġewwa r-*restaurant* La Sfoglia. Għal dan ix-xogħol Mifsud talab €19,009.80 iżda ma tħallasx.

11. TEC Ltd ma ħallsitx peress li għandha pretensjoni kontra Mifsud fis-somma ta' €24,909.80 bħala danni li hija tgħid li sofriet minħabba negliġenza, imperizja u traskuraġni min-naħa ta' Mifsud, danni li skont TEC Limited sofrithom fis-7 ta' Novembru 2014 meta l-gżejjer Maltin kienu ntlaqtu minn maltempata qawwija.

Ikkunsidrat;

12. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti għad-deċiżjoni tagħha dwar ir-responsabbiltà għall-akkadut huma s-segwenti:

> "Applikati dawn il-principji ghall-fatti in ezami, ikkonsidrat li TEC Limited qed tippretendi r-rizarciment ghas-segwenti danni, kif jirrizulta mill-invoice esebita a fol 4 mar-rikors promotur, u cioe`:
>
> > a) "Cause of breakage and misuse of 6 gazebos 4m x 4m, roofs and side walls - €16,980.
> >
> > b) Cause of breakages and misuse of 180metres square carpet layed under gazebos - €1,080.

> c) Cause of damages on vehicle LCU 584 due to gazebos that were blown away - €1,730. d) Other expenses in gutters and labour work to accommodate new set up - €1,320". J

ibda biex jinghad, li mhuwiex ikkontestat, li Esron Mifsud gie inkarigat mis-socjeta TEC Limited biex jaghmel xoghlijiet fil-preparazzjoni ta' tined u 'set-up' ghall-avveniment tal-15 ta' Novembru 2014, tal-Junior Eurovision Song Contest fil-Malta Ship Building Marsa.

Jirrizulta mill-pjanta esebita Dok XYZ4 (fol 199) li t-tined armati gewwa fil-'backstage', li f'din il-pjanta huma indikati bl-ahdar ma sarilhomx hsara, u kienu t-tined kbar gazebos armati fuq barra, fejn saret l-akbar hsara, peress li taru dakinhar tas-7 ta' Novembru 2014.

Ikkunsidrat, li mix-xhieda moghtija mill-ufficjal tal-Ufficju Meteorologiku, Joseph Schiavone, kif ukoll, mid-dokumenti u l-footage esebiti minn Mifsud dwar il-kondizzjonijiet tat-temp dakinhar tas-7 ta' Novembru 2014 li kien hemm buffura ta' rih qawwija u sahansitra tromba, li ma kinitx normali ghal Malta, u ma setghetx tigi anticipata. Madanakollu ma jistax jitqies biss dan il-fattur, minghajr ma jigu evalwati r-rizultanzi fattwali ohra.

Relevanti hafna hija x-xhieda ta' Charles Dalli, Director Technical Services inkarigat mill-Junior Eurovision Song Contest, li kkonferma li t-tined ma kinux 'ippeggjati' u marbutin, u kien gibed l-attenzjoni ghall-fatt li hafna tined ma kinux ankrati sew fil-post, sa minn qabel il-maltempata. L-istess xhud ikkonferma li in segwitu ghall-hsarat, it-tined li taru kienu gew sostitwiti, u din kienet ir-responsabbilta` tas-supplier, ta' TEC Limited.

Hawnhekk, ta' min isemmi wkoll, li Esron Mifsud stess in kontro-ezami, ikkonferma, li t-tinda l-kbira, li ma taritx, kienet ippegjata u marbuta. Hu stess ikkonferma, li t-tined l-ohrajn kien ghad fadlilhom il-'pegs' u l-'gutters' x'isirulhom.

Alexia Vella u Matthew Vella kkonfermaw li semghu lil Charles Magro fuq it-telefon jitkellem ma' Esron u jfakkru biex isiru l-'pegs' mat-tined, waqt li kienu fil-container fis-sit tas-Shipbuilding.

Ghalhekk, jirrizulta, li n-negligenza u n-nuqqas ta' prekawzjonijiet ta' Esron Mifsud, meta naqas li juza l-prudenza mehtiega sabiex jorbot kif kien jehtieg it-tined u jqeghdilhom il-'gutters', wasslu ghall-hsara kkagunata, hija sostanzjata bi provi oggettivi korroboranti. Huwa wkoll ikkonfermat minn Esron Mifsud innifsu, li t-tinda l-kbira li ma waqghetx bil-maltemp kienet marbuta u ppeggjata kif suppost, u l-ohrajn kienu ghadhom mhux marbutin bl-istess mod.

Fid-dawl ta' dawn il-provi, mhuwiex wisq sinifikanti dak sostnut minn Esron Mifsud fix-xhieda tieghu, li dakinhar tal-incident, hu kien intbaghat jara tinda f'restaurant il-Belt 'La Sfoglia Restaurant', mill-

istess Charles Magro. Mifsud sostna fix-xhieda tieghu li sakemm kien hemmhekk, lehaq inqalghet il-maltempata u ma lehaqx mar jorbot it-tined. Certament kellu jorbothom qabel ghaliex hekk kien jaghmel bniedem prudenti. Min-naha l-ohra, Charles Magro, fix-xhieda tieghu, cahad kategorikament, li huwa kien baghat lil Esron Mifsud f'La Sfoglia Restaurant dakinhar tas-7 ta' Novembru 2014, u ssottolinea li c-cherry picker, kien intbaghat fir-restaurant in kwistjoni fil-15 ta' Novembru 2014 izda ghalkemm irrefera ghad-dokument EM10 (fol 129) dan id-dokument ma jindikax id-data tas-servizz moghti u ghalhekk dwar dan il-fatt mhuwiex prova korroboranti.

[...]

Madankollu, l-pern tal-kwistjoni odjerna ma titrattax il-fatt jekk Esron Mifsud kienx fil-fatt intbghat 'La Sfoglia' restaurant o meno dakinhar tas-7 ta' Novembru 2014, ghaliex dan kien biss ftit hin qabel inqalghet il-maltempata. Illi kif ikkonferma x-xhud Joseph Schiavone, anke qabel qamet il-buffura rih qawwija, diga kien ir-rih sa mill-gurnata ta' qabel. Ghalhekk, sabiex jigi assigurat li t-tined kienu marbuta b'mod sigur, dan ix-xoghol kellu jsir qabel dakinhar tas-7 ta' Novembru u mhux jithalla nofs lejha.

Ikkunsidrat, li x-xoghol li kien hemm bzonn isir rigward l-irbit tat-tined u gazebos diga armati, flimkien mal-gutters, li wkoll ma sarux, ma jitqiesx li kien xoghol li seta' jsir fl-ahhar mument qabel ma giet il-maltempata, izda huwa xoghol li kellu jsir qabel, malli gew armati t-tined u l-gazebos, sabiex jigi assigurat li ttiehdu l-prekawzjonijiet mehtiega, li x-xoghol sar kif suppost. Illi kif tajjeb issottolinea l-avukat difensur tas-socjeta` TEC Limited fit-trattazzjoni, ix-xoghol tal-armar tat-tined ma kienx komplut ladarba ma kinux marbutin. Ghaldaqstant, anke jekk ghall-grazzja tal-argument Esron Mifsud kien fir-restaurant 'La Sfoglia' dakinhar tal-maltempata, ma jiskolpahx min-negligenza ghaliex ladarba gew armati it-tined, kien kompitu tieghu li jara li huma marbutin sew.

Ghalhekk, taqbel ma' dak sottomess fis-sottomissjonijiet ta' TEC Limited, li l-artikolu 1029 tal-Kodici Civili ma japplikax ghall-kaz in dizamina stante, li l-fatt li hafna mit-tined ma kinux marbutin, ikkontribwixxa ghall-hsara kkagunata bir-rih, u ma kienx biss kaz fortuwitu.

F'dan il-kuntest, il-Qorti ma taqbilx mal-argument sottolineat fis-sottomissjonijiet ta' Esron Mifsud, li t-tined kienu struttura temporanja li ma tiflahx kull tip ta' temp, ghaliex jirrizulta mill-provi, li ghalkemm kien ghamel rih qawwi t-tinda l-kbira li kienet marbuta ma waqghetx. Gjaladarba gie ppruvat li l-intimat ma kkompletax ix-xoghol tal-armar, idur fuqu l-oneru li jipprova li anke bil-pegging it-tined ma kienux jifilhu ghar-rih. Dan ma ghamlux.

Jigi rilevat ukoll li l-incident sehh f'Novembru, u cioe`, fix-xitwa, fejn wiehed jistenna maltemp.

Ghalhekk, fic-cirkostanzi, din il-Qorti ma tistax taccetta li Mifsud wera d-diligenza ekwivalenti ghal dak ta' bonus paterfamilias, meta hu stess ammetta, li hafna mit-tined armati ma kinux marbutin, u lanqas kellhom 'gutters'.

Fid-dawl ta' ezami akkurata tal-provi prodotti, din il-Qorti taqbel, li hemm ness bejn l-att kolpuz u negligenti ta' Esron Mifsud, u d-danni mitluba mis-socjeta' TEC Limited".

13. Il-motivazzjoni tal-Ewwel Qorti mbagħad fir-rigward tal-likwidazzjoni tad-danni taqra hekk:

"Nonostante, li gie stabbilit li Esron Mifsud huwa responsabbli ghad-danni, fadal jigi ezaminat jekk is-socjeta` TEC Limited, ippruvatx id-danni pretizi ghas-sodisfazzjon tal-Qorti. Dan irid jigi indagat ukoll fil-parametri tat-tielet eccezzjoni sollevata minn Mifsud, fejn gie eccepit, li d-danni reklamati jridu jigu ippruvati, specjalment in vista tal-fatt, li fl-ittra ufficjali numru 230/2015 it-talba giet ridotta minn €24,909.80 ghal €23,293. Fir-rikors numru 290/2016, fit-talbiet kif dedotti, it-talba hija ghal €24,909.80 jew somma ohra verjuri. Jigi osservat, li fl-istess ittra ufficjali, jinsab indikat li: "Ghall-fini ta' kompetenza t-talba qed tigi ridotta ghal €23,293". Din ir-riduzzjoni saret ghall-fini ta' kompetenza biss u ma timportax rinunzja ghall-ammont shih tad-danni. Fil-kawza odjerna, fejn ir-rikorrenti ipprocediet ghad-danni kollha, ma hemmx limitazzjoni u ghalhekk din il-Qorti ser tistharreg it-talba attrici fuq l-ammont kollu mitlub.

Tajjeb jigi rilevat, li s-socjeta` TEC Limited qed tistrieh fuq l-ammont ta' danni reklamati abbazi ta' invoice ta' TEC Limited stess, esebita a fol 4, fejn hemm elenkati l-erba' tipi ta' danni diga indikat aktar 'il fuq f'din is-sentenza. Carmel Magro ikkonferma l-invoice imsemmi bil-gurament a fol 64 tal-process.

Madanakollu dan id-dokument wahdu mhuwiex bizzejjed, minghajr korroborazzjoni ta' fatturi ricevuti jew dokumenti ohra simili, sabiex jigi stabbilit kemm attwalment intefaq ghall-ispiza in kwistjoni.

Specifikament dwar il-vettura, jigi nnutat, li ghalkemm Alexia Vella kkonfermat fix-xhieda taghha, li ratha tinlaqat mit-tined qed itiru dakinhar tal-maltempata, ma ngabet l-ebda prova ohra dwar it-tigrif li sehh din il-vettura. Ghal tal-anqas, setghu jigu esebiti ritratti li juru u jevidenzjaw il-hsara fuq il-vettura. L-ebda dokument dwar rapport jew 'claim' tal-assigurazzjoni ma gew esebiti, kif tajjeb sottomess minn Esron Mifsud. Inoltre`, jirrizulta, li fix-xhieda tieghu Paul Cortis qal, li l-vettura in kwistjoni normalment kienet tkun gewwa, u dan ix-xhud ma

giex kontro-ezaminat dwar dan. In vista tas-suespost, din il-Qorti tqis li l-hsara fil-vettura ma gietx ippruvata ghas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti.

Fattur iehor indikat fl-invoice, a fol 4 tal-process numru 290/2016 huwa t-tapit. Din il-Qorti hija tal-fehma, li ghalkemm Charles Magro sostna fix-xhieda tieghu, li t-tapit armat fit-tinda xxarrab, izda dan ma giex sostnazjat bi provi, bl-ebda ritratti, u ma jirrizultax jekk regax intuza l-istess tapit jew giex installat tapit iehor. Jigi osservat in-nuqqas ta' ricevuta esebita, f'kaz li nxtara tapit mill-gdid.

Difatti, jigi osservat, b'mod generali, li ma jirrizulta l-ebda dettalji mill-provi prodotti dwar ix-xoghlijiet li saru wara lmaltempata, min ha sehem fihom, u jekk inxtarax kollox mill-gdid o meno. Gie, izda kkonfermat mix-xhud Charles Dalli, li kien is-supplier TEC Limited li kien responsabbli biex kollox jerga' jigi armat. Ghalhekk, certament l-ispiza intefqet minn TEC Limited.

[...]

**Likwidazzjoni *Arbitrio Boni Viri***

Illi mill-provi prodotti, din il-Qorti hija soddisfatta li s-socjeta' attrici kellha tohrog hi l-ispejjez mehtiega sabiex tipprovdi it-tined, twapet u armar mehtiega wara l-maltempata. Inoltre, jirrizulta pacifiku bejn il-partijiet li t-tined armati mill-intimat sofrew hsara. Da parti tieghu, Esron MIfsud ipproceda kontra TEC Limited ghall-hlas ta' ammont komplessiv ta' €19,009.80 li jinkludi fih, izda mhux biss x-xoghol li kellu jaghmel ghas-socjeta' attrici.

Ghalhekk din il-Qorti hi tal-fehma li jkun gust u ekwu li taccetta t-talba ghall-hlas kif murija fl-Invoice a fol 4 eccetto ghat-talba ghad-danni relattivi ghat-tapit u ghall-hsara lill-vettura LCU 584.

Konsegwentement ser tilqa' t-tieni talba limitatament ghall-ammont ta' €18,300 piu' l-VAT billi ssib li l-partiti ndikati bil-paragrafi b) u c) tal-Invoice a fol 4 mhumiex sufficjentement ippruvati".

Ikkunsidrat;

14. Peress li l-aggravji taż-żewġ appellanti essenzjalment jattakkaw is-sentenza apellata fuq allegat apprezzament żbaljat tal-provi, tajjeb jiġi delineat il-kompitu tal-Qorti fi stadju tal-appell meta rinfaċjata b'aggravju ta' din ix-xorta.

15. Bħala regola din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti: (i) jekk ma jintwerix illi l-apprezzament ikun wieħed irraġonevoli; jew (ii) jekk jinstab illi huwa kontradett mill-fatti kif jemerġu mill-proċess; jew (iii) jekk jirriżultaw dak li l-ġurisprudenza ssejjaħ "ċirkostanzi eċċezzjonali" (ara **Lapsi Estates Limited v. Anthony Baldacchino et.** - Appell Superjuri - 5 ta' Ottubru, 2023; **Josephine Agius v. Piju Theuma** - Qorti tal-Appell - 26 ta' Jannar, 2018).

16. Mill-banda l-oħra però l-Qorti tal-Appell ma hiex imxekkla milli tagħmel hi apprezzament tal-fatti u għanda s-setgħa u d-dmir li tinterpreta l-provi mressqa b'mod differenti minn kif tkun interpretathom l-Ewwel Qorti jekk tqis illi din tal-aħħar tkun għamlet apprezzament żbaljat tal-provi li ma jsib bl-ebda mod sostenn fl-atti. Kif inżamm fis-sentenza **Dott. Antoinette Cutajar v. l-Onor. Dr. Joseph Muscat et**[1] tal-14 ta' Diċembru, 2018:

> ".... il-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-Ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-ewwel qorti tkun semgħet viva voce qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-Ewwel Qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkoreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna

[1] Ara wkoll: **Maria Concetta Shires v. Direttur tar-Reġistru Pubbliku et.** - Appell Superjuri - 25 ta' Frar, 2021.

> fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti".

17. Ngħaddu issa sabiex nikkunsidraw l-**aggravji fl-appell prinċipali tal-konvenut Esron Mifusd**.

18. Permezz tal-ewwel aggravju tiegħu l-konvenut appellant jgħid li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi li wassal għall-Interpretazzjoni żbaljata tal-liġi applikabbli. L-Ewwel Qorti sabet lill-appellant responsabbli għal uħud mid-danni li s-soċjetà tippretendi li sofriet waqt il-maltempata tas-7 ta' Novembru 2014. L-appellant jagħmel referenza għax-xhieda ta' Joseph Schiavone, il-Kap tal-Uffiċċju Meteoroloġiku ta' Malta fejn ikkonferma li fis-7 ta' Novembru 2017 kien hemm tromba u riħ qawwi, ta' 64 *knots* li ma kinitx normali għal Malta u ma setgħetx tiġi antiċipata. L-appellant għamel referenza wkoll għall-fatt li dakinhar inqalgħu diversi siġar, waqgħu diversi ħitan, inqalbu *containers* kbar fil-*Malta Freeport* u s-servizz tal-ajruplani u tal-vapur ġie sospiż. L-appellant jgħid li *nonostante* li l-Qorti għarfet li kien hemm tromba li ma kinitx prevista, hija xorta injorat dan il-fatt u ħasset li l-Artikolu 1029 tal-Kapitolu 16 ma kienx japplika għall-każ odjern u minflok sabet li l-appellant kien responsabbli għad-danni relatati mas-sitt tined li taru.

19. Fisser li filwaqt li t-tinda l-kbira kienet lesta b'kollox (u kien għalhekk li ma taritx), it-tined li taru kienu żgħar ta' daqs erbgħa b'erba' metri, li kien

fadlilhom jitwaħħlilhom il-ħitan u jsir il-*pegging* u l-*guttering* wara li Charles Magro, rappreżentant tas-soċjetà TEC Limited jurih fejn it-tined kellhom jitqiegħdu, apparti li kien fadal xi xogħlijiet li kellhom isiru mill-istess soċjetà u/jew minn terzi sabiex Mifsud seta' jwaħħal l-istess.

20. F'din il-parti tal-aggravju l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti naqset milli tieħu konsiderazzjoni tal-istadju tax-xogħlijiet. Jgħid li filwaqt li t-tinda l-kbira dejjem kien ċar fejn ser titqiegħed, il-post tat-tined iż-żgħar ma kienx wieħed daqstant ċert in vista li l-pjanijiet bdew jinbidlu, mhux hekk biss talli dawn it-tined lanqas kienu jiffurmaw parti mill-pjanta oriġinali iżda ġew miżjuda wara. L-appellant jispjega wkoll li l-Ewwel Qorti injorat il-fatt li huwa kellu jħalli l-lant tax-xogħol fuq struzzjonijiet mogħtija minn Charles Magro, ir-rappreżentant tas-soċjetà attriċi u dan għaliex l-istess Magro talbu b'mod urġenti jmur għand klijent tiegħu, La Sfoglia, il-Belt sabiex jirranġa tinda li kienet ippegjata u nkissret ukoll minħabba l-istess maltempata fl-istess ġurnata. Jgħid l-appellant illi kuntrarju għal dak li qalet l-Ewwel Qorti, irriżulta mill-provi li t-tined ippegjati mis-soċjetà TEC Limited ta' kważi l-istess daqs ta' dawk li taru, inkissru xorta waħda fil-maltempata.

21. L-appellant jinsisti li hawn kellu japplika l-Artikolu 1029 tal-Kodiċi Ċivili, apparti "wkoll li kien minħabba struzzjonijiet tas-soċjetà appellata

stess li ma setax ikompli x-xogħol"[2]. Jinsisti li s-soċjetà appellata wkoll kellha d-dover li taġixxi bħala *bonus paterfamilias* u tieħu l-prekawzjonijiet neċessarji kollha.

22. Is-soċjetà appellata tirribatti billi tgħid illi dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-konvenut Mifsud reponsabbli għad-danni *ai termini* tal-Artikoli 1031, 1032 u 1033 tal-Kodiċi Ċivili timmerita konferma. Issostni li Mifsud qiegħed jipprova jiġġustifika l-imperizja tiegħu billi waħħal f'kull ħaġa li setgħet ġrat mingħajr ma jagħraf ir-responsabbiltà tiegħu u ċjoè li jippegja t-tined skont is-sengħa u l-arti. Is-soċjetà konvenuta għaddiet sabiex għamlet referenza għax-xhieda ta' Matthew Vella, *part-timer* mas-soċjetà konvenuta fejn xehed li *nonostante* li Mifsud ingħata l-ordni li jsiru l-pinnijiet taħt it-tinet, Mifsud naqas milli jagħmel dan. Għamlet referenza wkoll għax-xhieda ta' Charles Magro fejn fost oħrajn innega li huwa kien bagħat lil Mifsud jaħdem f'La Sfoglia fis-7 ta' Novembru iżda kien bagħtu jumejn wara u ċjoè fid-9 ta' Novembru. Is-soċjetà appellata tinsisti li Mifsud ikkonferma li t-tined ma kinux ippegjati u kien xogħlu li jippegjahom.

23. Is-soċjetà appellata tgħid li ma jreġġix l-argument li għandu japplika l-Artikolu 1029 tal-Kapitolu 16 u dan *stante* li kien Mifsud li m'għamilx xogħol skont is-sengħa u l-arti; bniedem prudenti kien jorbot it-tined

[2] Fol 261 tal-proċess.

immedjatament u qabel iħalli l-lant tax-xogħol. Is-soċjetà appellata tinsisti li t-tined għandhom jiġu ippegjati dak il-ħin li jittellgħu u mhux wara li jittellaw it-tined kollha. Is-soċjetà appellata tinsisiti li l-konvenut ma jistax jistrieħ fuq sempliċiment suppożizzjoni li t-tined ma tarux għax kienu f'post kenni aktar mill-oħrajn, iżda l-appellant kellu jipprova l-każ fortuwitu b'mod sodisfaċenti.

Ikkunsidrat;

24. Dwar l-aggravju tal-appellant Mifsud illi l-Ewwel Qorti ma kkonsidratx li dak li seħħ kien sew każ fortuwitu kif ukoll '*act of God*', din il-Qorti tibda billi tirrimarka illi fl-eċċezzjonijiet tiegħu l-konvenut Mifsud la ressaq l-eċċezzjoni tal-"każ fortuwitu" u lanqas l-eċċezzjoni li l-akkadut kien '*act of God*', imma llimita ruħu li jgħid illi "d-danni li ġew allegatament sofferti mis-soċjetà attriċi ma seħħewx tort tal-eċċipjent u dan kif se jiġi aħjar ippruvat fil-kors ta' din il-kawża...."

25. In tema legali dwar l-eċċezzjoni ta' '*force majeure*' u tal-każ fortuwitu fil-kuntest ta' maltempata ssir referenza għas-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Michael Mizzi v. Joseph Paris** mogħtija fis-27 ta' Marzu 2009 fejn jingħad kif ġej:

> "Skond il-Ligi, l-Artikolu 1029 tal-Kap. 16, kull hsara li tigri b`accident jew b`forza magguri, ibatiha, fin-nuqqas ta` disposizzjoni espressa tal-ligi li tghid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tieghu tigri l-hsara. F`kazijiet bhal dawn min jallega li dak li gara kien dovut

> minhabba forza magguri, jew casus ghandu l-obbligu li jippruvah u dana sal-grad ta` probabilita`. Skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna l-"forza magguri" hija dik il-forza li ghaliha huwa impossibbli li wiehed jirrezisti, mentri l-"kaz fortuwitu" huwa dak meta avveniment ma setax ikun prevedut minn persuna ta` ordinarja diligenza. Il-kuncett tal-kaz fortuwitu jew forza magguri ma jsehhx meta ghall-hsara jkun ikkontribwixxa l-fatt, posittiv jew negattiv, tal-bniedem. Ghalhekk skond il-principju tad-dritt, biex ikun hemm il-kaz fortuwitu mhux bizzejjed li jkun hemm avveniment insolitu, sproporzjonat, u li jkun prodott mill-forzi tan-natura, imma jehtieg li jkun inevitabili, b`mod li ma jistax jigi evitat bid-diligenza ordinarja tal-bonus pater familias. Din il-prevedibilita` trid tkun ta` probabilitajiet ragionevoli u mhux ta` possibilitajiet remotissimi u inverosimili. (Ara Vol. XXIV p.l.p. 172; Vol. p.l.p. 74; Vol. XLVIII p.l.p. 258)". L-eccezzjoni ta` force majeure tirnexxi biss f`kundizzjoni ta` inevitabbilita`."

26. Il-Qorti tikkunsidra illi huwa minnu illi l-ħsara seħħet waqt maltempata qawwija ħafna li f'ħinijiet minnhom anke żviluppat tromba tal-arja. Huwa minnu wkoll illi l-uffiċjal mill-uffiċċju meterjoloġiku xehed li fis-7 ta' Novembru 2017 kien hemm tromba u riħ qawwi, ta' 64 *knots* li ma kinitx normali għal Malta u ma setgħetx tiġi antiċipata. Però, kuntrarjament għal dak sottomess mill-appellant, l-Ewwel Qorti ma skartatx l-akkadut iżda irriteniet li kien obbligu ta' Mifsud li meta installa t-tined inkwistjoni jorbothom mill-ewwel mal-art. Din il-Qorti taqbel pjenament mal-Ewwel Qorti fir-rigward. Li ser tifforma tromba tal-arja ħadd ma antiċipa. Però li fix-xahar ta' Novembru sseħħ maltempata qawwija hija prevedibbli. L-appellant Mifsud naqas pereżempju milli jressaq il-prova tal-previżżjonijiet tat-temp għal dawk il-ġranet.

27. Għalkemm in sostenn ta' dan l-aggravju tiegħu l-appellant Mifsud jistrieħ fuq ix-xhieda ta' Joseph Sciavone mill-uffiċċju meteoroloġiku meta

xehed illi tromba tar-rih kellha saħħa ta' 68 *knots* li diffiċli tantiċipa, jirriżulta illi l-istess xhud spjega illi huwa "normali" li f'dak iż-żmien tas-sena r-riħ ikollu buffuri ta' ċirca 55 *knots*. Isegwi minn dan illi riħ ta' qawwa ta' 55 *knots* huwa "komuni" għax-xahar ta' Novembru u li allura l-appellant seta' jipprevedi illi jekk mhux ser jorbot mill-ewwel it-tined li kien waqqaf kien hemm possibilità li jekk iqum ir-riħ dawn kienu ser jittajru anke jekk ma jkunx hemm tromba tal-arja. M'għandux raġun għalhekk l-appellant meta jissottometti illi "wieħed ma jistax jgħid li dan it-tip ta' maltemp kien daqshekk faċilment prevedibbli". Il-liġi ma taddossax ir-responsabbiltà meta l-akkadut kien "faċilment" prevedibbli kif qed jippretendi l-appellant; iżda meta fil-kors normali tal-ħajja u bl-attenzjoni tal-*bonus paterfamilias* seta' jiġi antiċipat li dak li seħħ seta' jseħħ. Il-provi juru illi fix-xahar ta' Novembru riħ qawwa ta' 55 *knots* huwa "normali". Ma jidhirx li kienet b'kumbinazzjoni li l-konvenut ma ressaqx il-prova mill-uffiċċju meterjoloġiku dwar il-previżżjoni tat-temp f'dawk il-jiem. Fil-fatt skont it-taħrika tax-xhieda ppreżentata mill-istess appellant Mifsud fis-17 ta' Jannar 2017[3] huwa sejjaħ rappreżentant mill-Uffiċċju Meteoroloġiku "Sabiex jixhed u jipprovdi informazzjoni dwar kif kien it-temp hawn Malta bejn is-6 u t-8 ta' Novembru 2014 (iż-żewġ dati inklużi)". Il-konvenut Mifsud ma talab xejn aktar mill-uffiċċju meteoroloġiku.

[3] Fol. 52.

28. Hemm ukoll nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet dwar ir-raġuni għaliex it-tined li taru bir-riħ ma kinux għadhom ġew marbuta mal-art. Il-konvenut appellant jgħid illi huwa ma kienx rabat it-tined peress li ntbagħat mir-rappreżentant tas-soċjetà attriċi sabiex imur jaqdi klijent ieħor tagħha f'*restaurant* ġewwa Valletta, filwaqt li s-soċjetà attriċi tiċħad li dan kien il-każ, u tgħid illi kienet ilha tinsisti mal-konvenut sabiex jorbot it-tined mal-art. Irrispettivament minn min qed jgħid il-verità, kien l-oneru tal-konvenut appellant illi jassigura illi appena installa dawk it-tined u qabel ma jallontana ruħu jassigura li dawn kienu 'pegged' u marbuta sew mal-art. Din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti qabilha, ma tqisx veritiera l-verżjoni li ta l-konvenut fir-rigward. Però anke jekk għas-saħħa tal-argument biss kellu jitqies li verament il-konvenut intbagħat mis-soċjetà attriċi fuq lant tax-xogħol ieħor qabel ma assigura li t-tined kienu marbutin sew mal-art; il-konvenut kellu l-obbligu li ma jaċċettax illi jiċċaqlaq qabel ma jkun ħa ħsieb l-irbit mal-art tat-tined. Huwa miżmum illi l-appaltatur ma jistax jeżonera ruħu mir-responsabbiltà għal xogħolu billi jgħid li mexa skont l-insistenza ta' min qabdu. "L-appaltatur huwa dejjem responsabbli jippresta opra sodisfaċenti u obbligat jirreżisti kwalunkwe intromessjoni tal-kommittent" (**Joseph Farrugia et. v. Francis Portelli** - Appell Kummerċjali - 9 ta' Ottubru, 1987; ara wkoll **Joe Scerri et. v. Caruana & Cini Co. Ltd et**. - Appell Superjuri - 19 ta' April, 2012).

29. Permezz tat-<u>tieni aggravju</u> tiegħu l-konvenut appellant jilmenta dwar il-*quantum* tad-danni li l-Ewwel Qorti illikwidat fis-sentneza appellata wara li għamlet referenza għall-Artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. L-appellant ħassu aggravat mill-fatt li *nonostante* li l-Ewwel Qorti osservat li ma ġiet prodotta ebda prova dwar ix-xogħlijiet li saru wara l-maltempata, min ħa sehem fihom u jekk inxtarax kollox mill-ġdid *o meno*, il-Qorti ħasset li ladarba s-soċjetà appellata kellha terġa' tarma wara l-maltempata, hija kienet konvinta li l-imsemmija soċjetà batiet l-ispejjeż. Dan wassal sabiex l-Ewwel Qorti applikat likwidazzjoni *arbitrio boni viri*. L-ammont likwidat ġie kkalkulat a bażi ta' fattura waħda li ġiet eżebita mis-soċjetà appellata. L-Ewwel Qorti naqset mill-ammont reklamat mis-soċjetà attriċi d-danni reklamati in konnessjoni mat-tapit u d-danni reklamati in konnessjoni ma' vettura, u akkordat l-ammonti reklamati l-oħra komplessivament ammontanti għal €18,300 flimkien mal-VAT.

30. L-appellant jinsisti li l-ispejjeż tal-*gutters* u tas-*side wall* mhumiex ġustifikati *stante* li dawn kienu għadhom ma twaħħlux sakemm seħħet il-maltempata u għalhekk ma seta' ġralhom l-ebda ħsara u skont l-appellant setgħu jintużaw. Isostni li huwa m'għandux ikun responsabbli għal kwalunkwe xogħlijiet li saru biex jakkomodaw is-*setup* il-ġdid aktar u aktar meta kien l-appellant Mifsud stess li ħadem sabiex jiġi akkomodat dan l-istess *setup*, li mhux talli mhux ser jitħallas ta' xogħlu minħabba dak li ġie deċiż mill-Ewwel Qorti fil-kawża 205/2016 talli jrid iħallas lis-soċjetà

appellata ta' xogħlu stess li ma tħallasx tiegħu. Jilmenta wkoll illi mhi dovuta ebda VAT fuq id-danni likwidati għaliex id-danni li qegħdin jintalbu mhumiex prodotti jew servizzi reżi lill-appellant u kif ukoll mhux ċar jekk l-ammont indikat jinkludix diġà l-VAT li seta' tħallas lil terzi jekk tħallas l-ammont mitlub.

31. Is-soċjetà appellata tirribatti billi tgħid illi l-ammont ta' €18,300 *più* l-VAT flimkien mal-imgħaxijiet mhumiex esaġerati anzi huma ridottivi għad-danni sofferti mis-soċjetà attriċi.

Ikkunsidrat;

32. Is-soċjetà attriċi talbet riżarċiment tad-danni ammontanti għas-somma ta' €24,909.80.[4] Dan l-ammont huwa diviż kif ġej:

a) €16,980.00 - *causes of breakages and misuse of* 6 *gazebos* 4m x 4m *roofs and side walls*.

b) €1,080.00 - *causes of breakages and misuse of* 180m$^2$ *carpet that was layed under gazebos*.

---

[4] Ara *invoice* a fol. 4

*c)* €1,730.00 - *cause of damages on vehicle* LCU 584 *due to gazebos that were blown away.*

d) €1,320.00 - *other expenses in gutters and labour work to accomodate new setup*.

33. B'digriet tal-14 ta' April 2016 l-Ewwel Qorti kienet talbet lis-soċjetà attriċi sabiex b'nota tipprovdi "l-ismijiet shah tax-xhieda li fi hsiebhom iressqu u b'taghrif dwar ix-xhieda li kull wiehed u wahda minnhom sejra tintalab taghti dwar il-kaz, ..." kif ukoll sabiex b'nota tippreżenta "kull dokument relattiv ghall-kaz li ghadu ma tqeghidx fl-atti tal-kawza maghdud maghhom kull certifikat jew rapport ghall-finijiet tal-artikolu 563A tal-Kap. 12".

34. B'nota li s-soċjetà attriċi ppreżentat fit-3 ta' Mejju 2016 *ai termini* tad-digriet imsemmi elenkat ix-xhieda li kien beħsiebha tressaq u l-iskop ta' kull xhud:

i) Brian Meli u Antoine Busuttil, diretturi ta' Besteam Audio Ltd sabiex jixhdu dwar il-ftehim bejn il-partijiet u dwar il-ħsarat li rrizultaw;

ii) Keith Chetcuti, direttur ta' Nexos Lighting sabiex jixhed dwar il-hsarat li kien hemm u r-relazzjoni bejn il-partijiet;

iii) Nigel Vella, direttur ta' Raymond Vella Company Limited sabiex jixhed dwar il-hsarat li kien hemm u x-xogħlijiet li kellhom isiru.

35. Għal xi raġuni s-soċjetà attriċi ma ressqet l-ebda wieħed minn dawn ix-xhieda indikati.

36. L-Ewwel Qorti irrikonoxxiet in-nuqqas ta' provi dwar id-danni reklamati mis-soċjetà attriċi tant li f'paġna 24 tas-sentenza appellata tgħid hekk:

> "Tajjeb jii rilevat, li s-socjeta TEC Limited qed tistrieh fuq l-ammont ta' danni reklamati abbazi ta' invoice ta' TEC Limited stess, esebita a fol. 4, fejn hemm elenkati l-erba tipi ta' danni diga indikat aktar 'il fuq f'din is-sentenza. Carmel Magro ikkonferma l-invoice imsemmi bil-gurament a fol. 64 tal-process.
>
> Mandankollu dan id-dokument wahdu mhuwiex bizzejjed, mikinghajr korroborazzjoni ta' fatturi, ricevuti jew dokumenti ohra simili, sabiex jigi stabbilit kemm attwalment intefaq ghall-ispiza in kwistjoni.
>
> Difatti, jigi osservat, b'mod generali, li ma jirrizulta l-ebda dettalji mill-provi prodotti dwar ix-xogholijiet li saru wara l-maltempata, min ha sehem fihom u jekk inxtarax kollox mill-gdid o meno. Gie izda kkonfermat mix-xhud Charles Dalli li kien is-supplier (ta') TEC Limited li kien responsabbli biex kollox jerga jigi armat. Ghalhekk, certament l-ispiza intefqet minn TEC Limited".

37. L-Ewwel Qorti mbagħad għaddiet sabiex tillikwida *arbitrio boni viri* s-somma ta' €18,300 magħdud magħha l-VAT wara li stqarret illi kienet qed issib "li l-partiti ndikati bil-paragrafi b) u c) tal-*Invoice* a fol. 4 mhumiex sufficjentement ipprufati."

38. Din il-Qorti ma taqbilx ma' tali konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti. Ma rriżulta li kien hemm ebda ostakolu sabiex is-soċjetà attriċi tipprova b'mod sodisfaċenti d-danni minnha reklamati. Dik odjerna ma kentix xi kawża komplessa fejn intalab danni *da liquidarsi.* Intalbet somma speċifika biċ-ċenteżmi b'kollox: €24,909.80. Sa minn qabel mar-rikors promotur ġie notifikat lill-konvenut, is-soċjetà attriċi ġiet mitluba mill-Ewwel Qorti permezz tad-digriet fuq imsemmi tal-14 ta' April , 2016 sabiex fi żmien 25 jum tippreżenta "kull dokument relattiv ghall-kaz li ghadu ma tqeghidx fl-atti tal-kawża". Mhux biss dak it-terminu għadda inutilment iżda sakemm ingħalqu l-provi s-soċjetà attriċi baqgħet ma ppreżentat l-ebda dokument, *invoice*, stima, riċevuta fiskali jew xi forma ta' dokument ieħor sabiex tipprova l-każ tagħha.

39. Appena huwa neċessarju jiġi ribadit illi min jallega għandu l-oneru li jipprova, prinċipju bażilari tad-dritt proċedurali statwit f'Artikolu 562 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u msejjes fuq il-massima legali *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*. Kif ġie ritenut fis-sentenza **Simon Fabri et. v. Alicia Sammut** mogħtija minn din il-Qorti fid-29 ta' Marzu, 2023:

> "In kwantu l-appell tal-atturi jitratta l-kontestazzjoni dwar il-likwidazzjoni tad-danni, u l-prova meħtieġa sabiex l-atturi jsostnu l-pretensjonijiet tagħhom, tajjeb li jiġi mfakkar li l-prinċipju ewlieni li jirregola l-piż probatorju jibqa' dejjem li min jallega jrid jipprova, (Artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) dak li fil-ġurisprudenza tagħna, jiġi deskritt bħala *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat.* Huwa obbligu ta'

min iressaq kawża quddiem il-Qorti, sabiex jesebixxi d-dokumenti kollha relevanti għall-każ tiegħu. L-Artikolu 559 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, jipprovdi wkoll li għandha tinġieb quddiem il-Qorti l-aħjar prova"

40. Hekk ukoll fis-sentenza **Chef Choice Limited v. Raymond Galea et** mogħtija mill-Prim'Awla fis-26 ta' Settembru, 2013, u kkonfermata minn din il-Qorti fis-27 ta' Ottubru, 2017 inżamm illi:

"......... għalkemm il-grad ta` prova fil-proċediment ċivili m`huwiex wieħed tassattiv daqs dak mistenni fil-proċediment kriminali, b`daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b`saħħithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-proċediment ċivili ma tistax tkun sempliċi supposizzjoni, suspett jew konġettura, imma prova li tikkonvinċi lil min irid jagħmel ġudizzju".

41. Aktar rilevanti għall-aggravju in dizamina hija s-sentenza **Dr Anthony Gruppetta et. v. San Salvatore Limited** mogħtija minn din il-Qorti fil-25 ta' Novembru, 2016 fejn f'dik il-kawża l-Prim'Awla kienet akkordat danni b'applikazzjoni tal-*abitrio boni viri* filwaqt li l-Qorti tal-Appell ħassret is-sentenza tal-ewwel grad wara li għamlet il-konsiderazzjonijiet segwenti:

"In kwantu ghall-ilment tas-socjeta konvenuta relativament ghall-likwidazzjoni *arbitrio boni viri* maghmul mill-ewwel Qorti, din il-Qorti ssib li dan l-ilment tas-socjeta appellanti ghandu mis-sewwa, peress li l-atturi appellati naqqsu milli jressqu kwalunkwe prova dwar kif in-nuqqas t'akkwist tal-garaxx kellu impatt negattiv fil-bejgh tal-appartament taghhom u l-estent tad-danni konsegwenzjali ghall-istess nuqqas. F'dan il-kuntest, kif kellha okkazjoni din il-Qorti tirrileva fis-sentenza taghha tat-30 ta' Settembru, 2016, fil-kawza fl-ismijiet **Joanna Camilleri et v. Paulmid Developments Limited:** "[1] Hu principju kardinali f'materja ta' prova, u anke skolpit fl-Artikolu 562. Tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat u ghalhekk l-oneru tal-prova mhux biss tad-danni riskontrati izda wkoll tal-quantum tal-ispejjez riparatorji tispetta lill-atturi li ressqu t-talba ................ "[2] Il-Qorti ghandha tasal ghad-decizjoni

taghha abbazi tal-principju *iuxta allegata et probata* u m'ghandhiex tirrikorri ghall-fakolta li tiddeciedi *arbitrio boni viri* meta min jallega l-fatt kellu l-opportunita kollha li jressaq provi in sostenn ta' dak il-fatt u tali provi kienu disponibbli ghalih. "Hija flokha l-osservazzjoni maghmula minn din il-Qorti fil-kawza App. 238/05 **Rita Busuttil noe et v. Raymond Busuttil,** deciza fis- 7 ta' Novembru 2015: "1 . Rigward it-talba taghha sabiex din il-Qorti tiffissa ammont xieraq ta' flus rapprezentanti sehemha mill-mobbli komprizi fil-komunjoni tal-akkwisti u wkoll il-valur tal-beni parafernali taghha, din il-Qorti tosserva li din it-talba ma tistax tintlaqa' ghax hija priva mis-substratt fattwali li jehtieg li jkollha biex tkun fil-pozizzjoni li tasal ghall-ammont *arbitrio boni viri*. Fi kliem iehor, mill-provi ma jirrizulltawx fatti li fuqhom il-Qorti tista' tasal ghal xi ammont kif mitluba mill-attrici fl-aggravju taghha. ….. Fin-nuqqas ta' prova ta' fatti sufficjenti li fuqhom il-Qorti tista' logikament tistabbilixxi ammont rapprezentanti valur tal-mobbli il-komputazzjoni ta' ammont fissat ma jkunx gie stabbilit arbitrio boni viri, imma jkun ammont stabbilit b'mod arbitrarju. Ghalhekk ghandu jirrizulta car li din it-talba ma tistax treggi".

42. Hekk ukoll fil-kawża odjerna, l-atti huma nieqsa mhux biss mill-aħjar prova iżda addirittura minn kwalunkwe prova in sostenn tal-ammonti reklamati bħala danni mis-soċjetà attriċi. Il-ħruġ ta' *invoice* mill-istess soċjetà attriċi konfermata bil-ġurament mir-rappreżentant tagħha ma tilħaqx, fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, il-livell ta' prova meħtieġ sabiex il-Qorti timxi lejn likwidazzjoni ta' ammont bit-tħaddim tal-*arbitrio boni viri*.

43. Għalhekk din il-Qorti ma tqisx raġonevoli l-konsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti illi ġaladarba jirriżulta illi xi danni s-soċjetà attriċi ġarbet allura għandha taċċetta parti sostanzjali mill-ammont minnha reklamat, *nonostante* li ftit aktar qabel fil-konsiderazzjonijiet tagħha ddikjarat illi l-pretensjoni tas-soċjetà attriċi mingħajr ebda provi in sostenn ma kinitx tilħaq il-grad ta' prova meħtieġ sabiex issib favur is-soċjetà attriċi.

44. L-ogħla ammont reklamat mis-soċjetà attriċi u akkordat mill-Ewwel Qorti hija s-somma ta' €16,980.00 deskritta fl-*invoice* maħruġa mis-soċjetà attriċi bħala "Cause of breakages and misuse of 6 gazebos 4m x 4m, roofs and side walls". Kif rajna aktar qabel, meta l-*gazebos* taru bir-riħ is-*side walls* ma kinux għadhom ġew installati. L-Ewwel Qorti kkonsidrat illi s-soċjetà attriċi għandha titħallas ta' *sidewalls* li allegatament ġralhom ħsara meta lanqas biss kienu installati.

45. Għal dawn il-motivi din il-Qorti ssib illi n-nuqqas tas-soċjetà attriċi li ġġib il-provi meħtieġa sabiex tissostanzja l-pretensjoni tagħha dwar l-ammont ta' danni reklamati ma jistax jiġi rimedjat billi l-Qorti tirrikorri għat-tħaddim tal-*arbitrio boni viri*.

**L-Appell inċidentali tas-soċjetà attriċi**

46. Is-soċjetà attriċi pprevalixxit ruħha mill-appell prinċipali tal-konvenut appellant u ressqet appell inċidentali *ai termini* tal-Artikolu 240 tal-Kapitolu 12. L-aggravju tas-soċjetà attriċi wkoll huwa fuq apprezzament żbaljat tal-provi li wassal għall-interpretazzjoni żbaljata tal-liġi.

47. Is-soċjetà attriċi ħassitha aggravata mill-fatt li l-Ewwel Qorti ddeċidiet li ma tagħti ebda kumpens għal (a) ħsarat relatati mal-vettura bir-reġistrazzjoni LCU 584 li taru xi tined għal fuqha – dannu fis-somma ta' €1,730 – u (b) ħsarat relatati mat-tapit ta' $180m^2$ fl-ammont ta' €1,080.

48. Is-soċjetà attriċi ssostni li l-ħsarat imġarrba mill-vettura LCU 584 kienu kkawżati mit-tined li ma kinux ippegjati u dan minħabba traskuraġni u negliġenza min-naħa tal-konvenut Mifsud. L-istess argument tressaq fir-rigward tal-ħsarat fuq it-tapit. Issostni wkoll li d-danni sofferti minnha jirriżultaw minn *invoice* esibita minnha liema ammont huwa ta' €24,909.80. Isostni li n-ness bejn id-danni sofferti u l-ommissjoni tal-konvenut Mifsud ġew provati quddiem l-Ewwel Qorti.

49. Għal dan l-aggravju tas-soċjetà attriċi, Esron Mifsud jinsisti li attwalment ebda ammont mhu dovut minnu anqas l-ammont ta' €18,300 oltre l-VAT kif spjegat fl-appell tiegħu, huwa jaqbel ma' dik il-parti tad-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti fejn is-soċjetà attriċi ma kellhiex tingħata kumpens għad-danni allegati fuq il-vettura u t-tapit, u dan *stante* li s-soċjetà attriċi naqset milli ġġib provi sodisfaċenti.

50. Il-konvenut jgħid li skont ix-xhud Paul Cortis, ħamsa kienu t-tined li taru u mhux sitta waqt il-maltempata tas-7 ta' Novembru 2014. L-

argumenti mressqa mill-konvenut fir-rigward tar-responsabbiltà tiegħu huma identiċi għal dawk imressqa fir-rikors tal-appell minnu mressaq. Fir-rigward tad-danni allegati mis-soċjetà attriċi, il-konvenut isostni li s-soċjetà attriċi qatt ma ppreżentat irċevuta waħda li hija waħda għal dawk id-danni li hija tallega li sofriet u l-unika prova ta' danni li ġabet fil-proċeduri hija fattura waħda maħruġa minnha stess, liema prova mhijiex sodisfaċenti u kredibbli biżżejjed.

51. Il-konvenut jinsisti li s-soċjetà attriċi ma ġabet ebda prova konvinċenti li attwalment kien hemm vettura li ġarrbet il-ħsara bl-ammont indikat mis-soċjetà attriċi, apparti li m'hemmx qbil bejn ix-xhieda tas-soċjetà attriċi stess dwar jekk hux minnu li kien hemm vettura barra dakinhar tal-maltempata. L-anqas ritratti ma ġew esebiti dwar l-allegat ħsarat u wisq anqas xi *mechanic* jispjega l-ħsarat. Lanqas ġie indikat jekk saritx *claim* mal-assiguratur tal-vettura.

52. Fir-rigward tat-tapit, il-konvenut jgħid li anke l-Ewwel Qorti osservat li s-soċjetà attriċi ma ppruvatx id-danni għax ebda prova ma tressqet. Isostni wkoll li jitwaħħlu kif jitwaħħlu t-tined, tapit taħt tinda f'maltempata bħal dik xorta kien ser jixxarrab u dan għaliex tinda hija struttura temporanja. Irriżulta li anke tapit taħt tined li ma tarux ukoll ixarrab għaliex daħal l-ilma kemm minn taħt t-tined kif ukoll mis-saqaf.

53. *Di più* f'ebda stadju ma spjegat is-soċjetà attriċi fhiex jikkonsistu dawn il-*breakages* u *misuse* tat-tapit u *gravel*, apparti li kemm it-tapit kif ukoll il-*gravel* jistgħu jintużaw wara li jinxfu.

54. Wara li qieset dak li kellhom xi jgħidu l-partijiet dwar l-appell inċidentali tas-soċjetà attriċi, din il-Qorti ssib illi għall-istess raġunijiet li qed tilqa' *in parte* l-appell prinċipali, qiegħda wkoll tiċħad l-appell inċidentali.

***Decide.***

Għar-raġunijiet fuq mogħtija, din il-Qorti qiegħda tiċħad l-ewwel aggravju tal-konvenut appellant, tilqa' t-tieni aggravju tal-konvenut appellant peress li qed issib illi s-soċjetà attriċi ma rnexxilhiex tipprova d-danni minnha reklamati; u tiċħad l-appell inċidentali tas-soċjetà attriċi.

Għaldaqstant tvarja s-sentenza appellata billi tħassarha sa fejn illikwidat id-danni reklamati fis-somma ta' €18,300 *più* l-VAT u kkundannat lill-konvenut iħallas l-istess lis-soċjetà attriċi kif ukoll l-ispejjeż tal-kawża; u

minflok tilqa' t-tielet eċċezzjoni tal-konvenut, u tiċħad it-tieni u t-tielet talbiet attriċi.

Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjetà attriċi appellata.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm